MALTA

ATT Nru. XIII ta' l-1992

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, Kap. 123.

ACT No. XIII of 1992

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Income Tax Act, Cap. 123.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

28 ta' Lulju, 1992

ATT Nru. XIII ta' l-1992

ATT biex jemenda l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap. 123.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1992 li jemenda l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 123.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jibdew iseħħu kif ġej:

(a) id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikoli 3, 4, 5 u 6 għandhom jibdew iseħħu mal-pubblikazzjoni ta' dan l-Att fil-Gazzetta; u

(b) id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 2 għandhom jibdew iseħħu mal-pubblikazzjoni ta' dan l-Att fil-Gazzetta, dwar is-sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar, 1993 u dwar is-snin sussegwenti ta' stima.

Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

2. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (l) tiegħu, minflok il-kliem "tmintax-il lira Maltija" għandhom jidħlu l-kliem "tletin lira Maltija"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (o) tiegħu għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej —

"(p) dividendi mħallsa lil individwu dwar ishma li jkollu f'kumpannija li jkollha l-*istatus* ta' kumpannija kwotata għall-finijiet ta' l-Att ta' l-1990 dwar il-Borża ta' Malta, iżda d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (l) ta' dan is-subartikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dan il-paragrafu.".

Att XXXIII ta' l-1990.

Emenda ta' l-artikolu 63 ta' l-Att prinċipali.

3. Minnufih wara l-kliem "u għat-taxxa stabbilita b'dawk l-istimi." fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 63 ta' l-Att prinċipali, għandhom jiżdiedu dawn il-kliem li ġejjin: "Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 62 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal stima magħmula mill-Kummissarju taħt dan is-subartikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 64 ta' l-Att prinċipali.

4. Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 64 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol is-subartikolu li ġej:

"(3) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att fejn aktar minn tmien snin ikunu għaddew minn għeluq is-sena ta' stima li għaliha tkun tapplika stima magħmula mill-Kummissarju qabel l-1 ta' Jannar, 1992 u dik l-istima tkun għadha mhux finali u konklussiva skond l-artikolu 70 ta' dan l-Att, u l-Kummissarju jkun jidhirlu li dik l-istima tkun invalida jew bla effett minħabba xi żball, difett jew ommissjoni mill-Kummissarju fl-għemil ta' dik l-istima jew fl-avviż t'hekk, il-Kummissarju jista' fi żmien ħames snin mill-1 ta' Jannar, 1992 jew fi żmien sentejn mid-data li t-*taxpayer* japplika bil-miktub lill-Kummissarju fejn jindika bħala raġuni oħra għal oġġezzjoni dak l-iżball, difett jew ommissjoni, jagħmel stima ġdida, skond l-artikolu 62 ta' dan l-Att għas-sena ta' stima in kwestjoni u d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att dwar l-avviż ta' stima, appelli u proċeduri oħra ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal dik l-istima u għat-taxxa stabbilita bis-saħħa tagħha.".

Emenda ta' l-artikolu 68 ta' l-Att prinċipali.

5. Fil-paragrafu (b) ta' l-artikolu 68 ta' l-Att prinċipali, wara l-kliem "jew tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 62" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 63".

Emenda ta' l-artikolu 71 ta' l-Att prinċipali.

6. Minnufih wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 71 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan is-subartikolu li ġej:

"(4) Meta jkun tressaq xi appell minn xi stima magħmula mill-Kummissarju u dik l-istima tiġi b'deċiżjoni jew sentenza finali dikjarata invalida jew bla effett, il-Kummissarju jista', fi żmien sena mid-deċiżjoni jew sentenza skond il-każ, fejn stima ġdida ma tistax tinħareġ taħt xi provvediment ieħor taħt dan l-Att, jagħmel stima ġdida dwar it-*taxpayer* fuq l-*income* kollu jew xi parti mill-*income* taxxabbli tat-*taxpayer* kif dikjarat mit-*taxpayer* għas-sena ta' stima

in kwestjoni li dwarha ma tkunx ġiet magħmula stima valida; u d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att dwar avviż ta' stima, appell u proċeduri oħra taħt dan l-Att għandhom japplikaw għal dik l-istima u għat-taxxa stabbilita bis-saħħa tagħha, jekk ikun il-każ.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 40 ta' l-20 ta' Lulju, 1992.

LAWRENCE GONZI
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.